**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 3 ta' Marzu, 2000**

**Citazzjoni numru: 4C/97**

**Michelle Grixti, armla ta' Michael, Joseph Grixti, it-tabib Dr Mario Grixti, il-Magistrat Dr Giovanni Grixti u Austin Grixti. Dr Nives Grixti mart il-Magistrat Dr Giovanni Grixti u Alma Grixti mart it-tabib Dr Mario Grixti ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Mary Camilleri u zewgha il-kurunell Edwin Camilleri**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra ic-citazzjoni in desamina li permezz taghha wara li ppremettew illi fuq talba ta' Mary Camilleri u zewgha il-Kurunuell Edwin Camilleri maghmula kontra Michelle Grixti, armla ta' Michael, Joseph Grixti, it-tabib Dr Mario Grixti, l-Avukat Dr Giovanni Grixti u Austin Grixti fil-Bord li Jirregola l-kera, Rikors Nru: 25B/94, sabiex l-atturi odjerni jkunu zgumbrati fi zmien qasir u perentorju mill-fond "Hardware and General Store" gia Myriam 59, Paceville Avenue Paceville, l-konjugi Camilleri inghataw id-dritt jirriprendu l-pussess tal-imsemmi hanut, bl-ispejjez kontra l-intimati, uhud mill-atturi f'din il-kawza;

Premess illi l-Bord ibbaza id-decizjoni tieghu fuq l-artikolu 9 (a) tal-kap 69;

Premess illi d-decizjoni tal-Bord hija b'hekk ibbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi minhabba li: (a) mhux minnu li l-konjugi Camilleri kienu jikru lill-familja Grixti l-hanut kif denominat ghaliex huma kienu jikru l-fond li l-

familja Grixti kienu juzaw bhala hanut tant li r-ricevuti juru bic-car li l-kirja kienet ta' "Myriam" Paceville Avenue Paceville u mhux Hardware & General Store; kwindi l-konsiderazzjoni tal-Bord fir-rigward tat-telf tal-avvjament u klijenti ma kellhiex tkun applikata f'dan il-kaz ghaliex b'hekk il-Bord naqas jaghraf id-distinzjoni bejn kera ta' fond u kera ta' hanut: (b) illi fit-trattazzjoni tar-rikors kienet saret il-prova li s-sid kien accetta liberament il-kera bil-konoxxenza tal-istat maghluq tal-fond, liema offerta u accettazzjoni kienet saret bil-miftuh u bla qerq zmien wara l-mewt tal-inkwilin originali, f'Lulju 1988, bl-ahhar ricevuta maghmula f'Lulju 1993 ghalhekk din l-accettazzjoni tammonta ghal bdil fir-relazzjoni bejn il-partijiet u hija l-kuntratt ta' kera nnifsu li tirregola lill-partijiet.

Talbu sabiex il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi, ghadu ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti.

1. Tiddikjara illi l-atturi ghandhom raguni valida ghaliex ghandhom jitolbu ir-ritrattazzjoni;

2. Tiddikjara nulla u bla effett s-sentenza ghar-rikors numru 25B/94 moghtija mill-Bord li Jirregola il-kera fil-11 ta' Frar 1997;

3. Tordna ir-ritrattazzjoni tal-imsemmi rikors. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma hekk ingunti ghas-subizzjoni.

Ra l-annessa dikjarazzjoni tal-attur a fol 3 u 4 ibid kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm inkluza.

Ra in-nota ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti a fol 7 tal-process li fiha eccepew;

1. In-nullita' tac-citazzjoni stante illi a tenur ta' l-art 42 tal-Kapitolu 69, it-talba ghal ritrattazzjoni hija amissibbli biss f'kaz illi l-parti ottjeniet sentenza favorevoli quddiem il-Bord in konsegwenza ta' dikjarazzjoni falza minnu maghmula quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u tali talba ghandha ssir b'rikors;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita' tat-talba kif kontenuta fic-Citazzjoni ghaliex a tenur ta' l-art 816 tal-Kodici ta' Procedura Civili, l-atturi kellhom jindikaw il-ligi li kellha tigi applikata;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghar-ritrattazzjoni kif gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell fi zmenijiet recenti ma tistax tigi interpretata fis-sens illi tissostitwixxi Appell jew tikkrea it-tielet Appell, izda f'kaz illi l-Qorti tkun applikat ligi totalment differenti, it-talba attrici ma ssib ebda fondament jew konsiderazzjoni fil-ligi; jidher illi l-atturi ghazlu li jakkwiexxu ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghaliex ma pprevalewx rwiehom mid-dritt ta' Appell;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-konvenuti hemm anness a fol 8 flimkien ma' lista tax-xhieda.

Ra id-digriet a fol 10 tal-process kif ukoll il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 1997 a fol 13.

Ra in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 15 u 20 tal-process.

Ikkunsidra:

Illi, b'referenza ghall-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti, dawn qed jsostnu li din ic-citazzjoni hi nulla "stante illi a tenur tal-artikolu 42 tal-Kapitolu 69 citat talba ghar-ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Bord, hi ammissibbli biss f'kaz ta' sentenza favorevoli ottenuta permezz ta' dikjarazzjoni falza u li tali talba trid issir b'rikors.

Illi, bir-rispett kollu lejn l-abili difensur tal-konvenuti ma jistax jara kif l-artikolu 42 citat jrid jigi interpretata b'dan il-mod strett kif jikkontendu il-konvenuti. Difatti l-istess artikolu citat imkien ma jistipula li ritrattazzjoni u smiegh mill-gdid ta' kaz deciz mill-Bord tista' biss tigi mitluba bil-kaz specifikat fl-istess artikolu ad eskluzjoni ta' dak li hu stipulat fl-artikolu 811 u 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk b'mod evidenti din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ikkunsidra

Illi in rigward it-tielet (3) eccezzjoni jidher li l-atturi fil-kaz odjern qed jibbazaw it-talbiet in ezami fuq l-ipotesi li s-sentenza hawn fuq imsemmija "hija b'hekk ibbasata fuq <u>applikazzjoni hazina tal-ligi</u> "ghaz-zewg ragunijiet premessi fl-istess citazzjoni u dan kif sancit fl-artikolu 811 (e). L-istess artikolu b'referenza ghal dan il-punt ikompli jispecifika "... jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakata ma tkunx skond il-ligi basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar <u>interpretazzjoni ta' Ligi</u> li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".

Illi, in rigward dak premess l-artikolu 812 gja imsemmi jispecifika f'kaz ta' sentenza moghtija minn Qorti tal-ewwel grad u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata ukoll .... f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-ahhar artikolu (l-Art 811 imsemmi) basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni <u>wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.</u> Illi jekk jigu analizzati iz-zewg premessi in desamina bl-ittri (e) u (b) kif rizultanti mill-istess citazzjoni, jidher evidenti li dawn iz-zewg kawzalijiet basati fuq fatti, ma sarx jaf u bihom l-atti odjerni wara l-gheluq tat-terminu tal-appell u hemm suspett fondat li f'dan il-kaz l-atturi qed jadixxu dan il-Bord bhala tribunal ta' appell ulterjuri li certament mhux konsentit mil-ligi.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi dan premess, ma jidhirx li hemm il-htiega li jigu kunsiderati fatti ohra relatati mat-talbiet in ezami u l-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet maghmula mill-konvenuti.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi, mill-premess jidher evidenti li l-istess talbiet ghandhom jigu michuda. Pero' ghandu jissemma li kien ikun rakkommandabbli li ma dawn l-atti jigu allegati u annessi dawk li jirreferu ghas-sentenza moghtija mill-istess Bord fil-11 ta' Frar 1997. Pero' dan ma sarx minhabba nuqqas ta' talba "ad hoc" minn xi wahda mill-partijiet involuti.

Illi, avolja tali nuqqas, ghandu jissemma li xorta wahda jidher evidenti dak li gie premess hawn fuq fis-sens li fis-sustanza, dan il-Bord qed jintalab jordna ritrattazzjoni ta' sentenza fuq premessi li setghu ingiebu a konjizzjoni tal-istess

Bord qabel ma giet prolatata u pronunzjati is-sentenza in desamina kif ukoll li jiddikjara li saret applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza in desamina "qua" interpretazzjoni hazina tal-ligi meta dan mhux kunsentit kif di gja inghad.

Ghal dawn il-motivi, ic-"chairman" ta' dan il-Bord fil-waqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Alan Calleja
Dep.Reg